



SEGRE TARJAT ĠENERALI TAL-KUNSILL TAL-UE ~PAĠNA TA' INFORMAZZJONI~

Proċedimenti tal-Kunsill miftuħa u trasparenti

Brussell, Lulju 2011

It-Trattat ta' Lisbona mmarka bidu ġdid għall-proċedimenti tal-Kunsill miftuħa u trasparenti. Mid-dħul fis-seħħ tiegħu, f'Diċembru 2009, l-attivitajiet tal-Kunsill saru aktar miftuħa u aktar viżibbli. Il-Kunsill huwa l-istituzzjoni ewlenija tal-Unjoni għat-teħid ta' deċiżjonijiet, u jikkondividi s-setgħa ta' kodeċiżjoni mal-Parlament Ewropew għal biċċa l-kbira tal-atti leġislattivi tal-Unjoni, għalhekk, il-proċeduri tiegħu huma diġà miftuħa b'mod estensiv. Id-deliberazzjonijiet leġislattivi kollha tal-Kunsill huma pubbliċi u l-biċċa l-kbira tad-dokumenti uffiċjali tiegħu huma aċċessibbli għall-pubbliku.

Id-disposizzjonijiet fis-seħħ dwar proċedimenti tal-Kunsill miftuħa u trasparenti huma deskritti hawn taħt. Ibbażati fl-Artikolu 16(8) TUE u l-Artikolu 15 TFUE u stabbiliti fir-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill, ¹huma jinkludu serje ta' miżuri speċifiċi meħuda bil-għan li jintlaħaq l-usa' pubbliku possibbli.

¹ Il-verżjoni attwalment fis-seħħ hi mill-1 ta' Diċembru 2009 (Ġurnal Uffiċjali L 325, 11.12.2009, p. 35).

Deliberazzjonijiet u dibattiti pubbliċi

➤ ***Deliberazzjonijiet leġislattivi***

Meta l-Kunsill jaġixxi bħala leġislatur - jiġifieri meta jiddelibera jew jivvota dwar abbozz ta' atti leġislattivi adottati bi proċedura leġislattiva ordinarja jew proċedura leġislattiva speċjali – id-deliberazzjonijiet tiegħu huma miftuħa għall-pubbliku.

Id-dokumenti ppreżentati lill-Kunsill elenkati taħt punti ta' deliberazzjonijiet leġislattivi huma pubbliċi, kif inhi wkoll it-taqsima tal-minuti tal-Kunsill li tirrelata ma' dawn il-punti tal-aġenda.

➤ ***Ħidma mhux leġislattiva***

Safejn hi kkonċernata l-ħidma mhux leġislattiva tiegħu, il-proċedimenti huma miftuħa għall-pubbliku meta l-Kunsill:

- l-ewwel jiddelibera u jadotta proposti mhux leġislattivi importanti li jimponu regoli li huma legalment vinkolanti fi jew għall-Istati Membri, permezz ta' regolamenti, direttivi jew deċiżjonijiet,
- ikollu dibattiti ta' orjentazzjoni dwar il-programm ta' 18-il xahar tal-Kunsill Affarijiet Ġenerali u dwar il-prijoritajiet tal-konfigurazzjonijiet tal-Kunsill l-oħra u dwar il-programm ta' ħames snin, il-programm ta' ħidma annwali u l-istrateġja ta' politika annwali tal-Kummissjoni,
- ikollu dibattiti pubbliċi oħra dwar kwistjonijiet importanti li jaffettwaw l-interessi tal-Unjoni u taċ-ċittadini tagħha.

Il-pubbliku ġenerali u l-medja huma informati bil-quddiem ¹dwar kwalunkwe deliberazzjoni u dibattitu pubbliku li jkunu ser jitwettqu fil-laqgħat tal-Kunsill li ġejjin.

¹ B'mod partikolari permezz ta' avviżi fiq is-sit Internet tal-Kunsill u permezz tal-pubblikazzjoni tal-aġendi għal-laqgħat tal-Kunsill fir-reġistru pubbliku tal-Kunsill.

Dibattiti u deliberazzjonijiet li huma miftuħa għall-pubbliku huma trasmessi permezz ta' mezzi awdjoviżivi fiċ-ċentru għall-istampa tal-Kunsill. Sabiex il-pubbliku ġenerali jkun jista' jkollu l-usa' aċċess possibbli, id-dibattiti u d-deliberazzjonijiet pubbliċi kollha kif ukoll il-voti pubbliċi taħt punti ta' deliberazzjoni leġislattiva jixxandru bil-lingwi kollha permezz ta' video streaming fuq is-sit Internet tal-Kunsill (<http://www.consilium.europa.eu>).

Pubblicizzazzjoni tal-voti, l-isjegazzjonijiet tal-voti u l-minuti

Kull darba li l-Kunsill jaġixxi bħala leġislatur, ir-riżultat tal-voti, l-isjegazzjonijiet tal-voti mill-membri tal-Kunsill u d-dikjarazzjonijiet imdaħħla fil-minuti jiġu magħmula pubbliċi.

Meta l-Kunsill jadotta proposti mhux leġislattivi importanti li jimponu regoli li huma legalment vinkolanti fi jew għall-Istati Membri, permezz ta' regolamenti, direttivi jew deċiżjonijiet, ir-riżultati tal-voti, l-isjegazzjoni tal-voti mill-membri tal-Kunsill u d-dikjarazzjonijiet mdaħħla fil-minuti jiġu pubbliċizzati wkoll.

Riżultati u spjegazzjonijiet oħra tal-voti dwar atti mhux leġislattivi jistgħu jiġu pubbliċizzati wkoll b'deċiżjoni tal-Kunsill jew il-Coreper fuq it-talba ta' wiehied mill-membri tagħhom. Fil-każ ta' atti relatati mal-Politika Eterra u ta' Sigurtà Komuni, id-deċiżjoni hi unanima.

Din l-informazzjoni tinsab ukoll fis-sommarju ta' kull xahar tal-atti tal-Kunsill, li jinsabu fuq is-sit Internet tal-Kunsill (<http://www.consilium.europa.eu>, taħt l-intestatura Dokumenti / Trasparenza Leġislattiva / Sommarju ta' Atti tal-Kunsill).

Stampa

Nota: Il-laqgħat prinċipali ta' informazzjoni għall-istampa jinżammu qabel, matul u wara kull laqgħa tal-Kunsill.

Aċċess għal dokumenti tal-Kunsill

Iċ-ċittadini kollha jistgħu jiksbu aċċess għal dokumenti tal-Kunsill taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti mit-testi fis-sehħ¹. Reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Kunsill huwa disponibbli fuq is-sit Internet tal-Kunsill (<http://register.consilium.europa.eu>).

Dokumenti ta' referenza:

- Deċiżjoni tal-Kunsill tal-1 ta' Diċembru 2009 li tadotta r-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill - Ġurnal Uffiċjali L 325, 11.12.2009, p. 35.
- Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-aċċess pubbliku għad-dokumenti - Ġurnal Uffiċjali L 145, 31.05.2001, p. 43.
- Gwida dwar il-Mezzi tax-Xandir (Ottubru 2009, ISSN 1682-3826).

Kuntatti u indirizzi utli:

- Sit Internet tal-Kunsill: <http://www.consilium.europa.eu>
- Informazzjoni għall-pubbliku ġenerali: <http://www.consilium.europa.eu/infopublic>
- Aċċess għal dokumenti: access@consilium.europa.eu
- Reġistru pubbliku ta' dokumenti tal-Kunsill: <http://register@consilium.europa.eu>
- Uffiċċju tal-Istampa: <http://www.consilium.europa.eu/presse>

¹ Ir-Regolament Nru 1049/2001 dwar aċċess pubbliku għal dokumenti, u r-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill.